

Taqsisra għall-pubbliku

Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali

X'INHIL-KWISTJONI?

- Iktar minn 80 miljun ruħ (persuna minn kull sitta) fl-UE jinsabu fir-riskju tal-faqar, inklużi 20 miljun tifel u tifla u 8% tal-popolazzjoni attiva.
- L-iktar persuni vulnerabbli huma dawk li ntaqtu l-aġħar mill-kriżi finanżjarja kurrenti.
- F'wieħed mill-iktar reġjuni għonja fid-dinja, il-qagħda tas-sitwazzjoni hi inaċċettabbli.
- L-UE qed tipproponi azzjoni biex tinkiseb mira speċifika miftiehma din is-sena għall-ewwel darba: biex 20 miljun ruħ joħorġu mill-faqar sal-2020.

X'SE JINBIDEL EŻATTAMENT?

- Se tittieħed azzjoni biex jitjieb l-aċċess għas-suq tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali u s-servizzi essenzjali (eż. il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni) u l-edukazzjoni.
- Il-fondi tal-UE se jintużaw aħjar biex jappoġġaw l-inklużjoni soċjali u jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni.
- Se jingħata impetu għdid lill-innovazzjoni soċjali, u r-riformi tal-politika soċjali se jiġu ttestjati u evalwati biex titjieb l-effettività tagħhom.
- Se jiġu appoġġati partenarjati ġodda bejn is-setturi pubbliċi u privati u se jintuża l-potenzjali tal-ekonomija soċjali.
- Il-pajjiżi tal-UE se jikkoordinaw il-politiki tagħhom aħjar.
- Konvenzjoni annwali se tippermetti lill-partijiet interessati kollha biex jagħmlu rendikont tal-progress lejn il-kisba ta' din il-mira.

MIN SE JIBBENEFIKA U KIF?

- Il-persuni li jgħixu fil-faqar – partikolarment dawk li jinsabu fl-ogħla riskju: in-nisa, il-migranti, ir-Roma u l-minoritajiet etniċi, il-persuni b'diżabbiltà – għandhom jaraw is-sitwazzjoni tagħhom tmur għall-aħjar.
- L-Ewropej kollha se jibbenefikaw minn haġja f'soċjetajiet iktar koeżivi, fejn it-tkabbir ekonomiku hu intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

GĦALIEX HEMM BŻONN LI TITTIEĦED AZZJONI MILL-UE?

- Il-Pjattaforma kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali hi element ewlieni fl-[Istrateġija Ewropa 2020](#).
- Għalkemm il-ġlieda kontra l-faqar hi primarjament ir-responsabbiltà tal-gvernijiet nazzjonali, l-UE jista' jkollha rwol ta' koordinazzjoni, peress li l-pajjiżi membri kollha qed jiffaċċaw l-istess sfidi.
- L-UE tista' tgħin tiżviluppa u taqşam metodi u strumenti iktar effettivi u innovattivi.
- Il-Pjattaforma se tappoġġa l-koordinazzjoni volontarja tal-politiki u t-tagħlim reċiproku, u se tipprovdi wkoll regoli u finanżjamenti għall-UE kollha.

META GĦANDHA TIDĦOL FIS-SEĦĦ?

Se jiġu implimentati firxa ta' azzjonijiet fis-snin li ġejjin, mill-2011.